# *Mro John Galea*

# Intervista dwar it-tonalità tal-qniepen



**X' kien il-bidu tar-relazzjoni tiegħek ma' dan il-proġett?**



Daqs tlett snin u nofs ilu kont ġejt avviċinat mis-Sur Loretu Scicluna fejn talabni nistax inkun konsulent mużikali fuq proġett li kellu jiżvelaħħuli l-Arċipriet Frankie Bajada. Dan kien ta' unur għalija li ngħin fir-realizzazzjoni ta' proġett monumentali bħal dan u aċċettajt minnufih.

**X'kienu l-options ta' settijiet ta' qniepen li l-parroċċa kellha minn fejn tagħżel?**



Sussegwentement iltqajt mal-Arċipriet u komplejna niltaqgħu kemm il-darba biex nevalwaw l-informazzjoni u dak li ditti prospettivi kienu għaddew lill-parroċċa. Wara diversi kunsiderazzjonijiet bir-reqqa u fit-tul, intagħżlet id-ditta Cornille-Havard mir-reġjun tan-Normandija. Wara li ntgħażlet il-funderija saru wkoll diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-poplu Għajnselmiż biex jingħataw dettalji tal-proġett u l-artikolazzjoni tiegħu.

**X'inhi l-opinjoni tiegħek dwar l-funderija u l-kwalità tal-prodott li tipproduċi?**



Din il-funderija għandha standards għoljin ħafna ta' produzzjoni u kull meta tlabna kjarifikazzjonijiet dawn dejjem ingħataw għas-sodisfazzjon totali tagħna. Il-kwalità tal-prodott finali hija waħda kommendabbli għall-aħħar. Barra minn hekk tawna l-għażla li nisimgħu s-sett sħiħ u nikkonfermaw jew le kull qanpiena tas-sett qabel dan jiġi trasportat lejn il-parroċċa. Ta' min isemmi wkoll l-eżamijiet u site inspections li d-ditta talbet minn jeddha li taghmel. Dan kollu kompla jsaħħaħ l-għażla finali ta' min kellu jkun inkarigat mill-proġett.

Barra minn hekk il-kumpanija Cornille-Havard għandha isem għall-mod kif tiddekora l-qniepen b'dak kollu li jkun jixtieq il-kummissjonant.

U hawnhekk nixtieq insellem b'mod partikolari lill-bornżjier Joseph Chetcuti għad-disinni tal-kuruni, lill-artisti Vince Caruana u Paul Stellini għad-dekorazzjoni mirquma li nħarġet bid-dettalji finissimi kollha kif tkunu tistgħu taraw mill-qrib matul iż-żmien li l-qniepen ikunu għadhom ma sabux posthom fil-kampnar.

**X'inhi t-tonalità ta' kull qanpiena u kif wasalt għal din l-għażla?**



It-tonalitajiet fl-ordni dixxendenti huma Do, Si bemolle, La, Sol, Fa, Do, La u Fa. Ir-raġunijiet għal din l-għażla kienu bosta: l-ideja tiegħi kienet li għandhom jintlaqtu erba' objettivi b'sett uniku għall-gżejjer Maltin. Dawn l-objettivi huma:

(a) sett ta' sitt qniepen għal mota,

(b) qniepen 'swinging',

(c) qniepen tal-arloġġ u

(d) sett li jdoqq diversi melodiji fosthom Ave Maria ta' Fatima u ta' Lourdes kif ukoll oħrajn li hemm il-ħsieb li jiġu programmati.

B'dan il-proġett il-Knisja monumentali t'Għajnsielem, ser ikollha l-akbar sett t'Għawdex kemm fin-numru ta' qniepen, kemm fit-tonalità profonda tal-akkordju li intgħażel, kif ukoll 'carillon' li jindaqqu fuq il-qniepen il-kbar, meta soltu dawn jindaqqu fuq qniepen iżgħar mill-iżgħar qanpiena tas-sett li ser ikollha l-Knisja t' Għajnsielem.

**X'inhu il-proċess biex funderija titrasforma qanpiena (jiġifieri massa bronż), fi strument mużikali li jagħti nota perfetta?**



Dan hu proċess



kumplikat fejn wara li l-qanpiena tiġi mnaddfa u llustrata tiġi alzata fuq torn li jibda jqaxxar linji rqaq fuq ġewwa sakemm l-qanpiena tagħti n-nota mixtieqa flimkien mal-'harmonics' naturali li huma preżenti 'ipso facto'. F'dan il-proċess, tajjeb ukoll nirrikonoxxu li l-element uman ikun ukoll imwieżen mit-teknoloġija u x-xjenza tal-akustika sabiex jiġi assigurat li l-qniepen jagħtu t-tonalitajiet mixtieqa.

**U fl-aħħar nett bħala konklużjoni tagħmel l-messaġġ tiegħek lill-poplu t'Għajnsielem f'din l-okkażjoni**



Minn din is-sena 'l quddiem, permezz ta' dawn il-qniepen, il-poplu ta' Għajnsielem ser ikollu mod aktar komplet kif jiċċelebra l-festa titulari kif ukoll il-festi tal-kalendarju liturġiku. Nawgura lill-parruċċani kollha l-festa t-tajba u j'Alla dan il-proġett ikun mod ta' xprunar spiritwali fil-mumenti kollha li dawn l-istrumenti liturġiċi jkunu qed iwasslu l-messaġġ tagħhom lill-parroċċa u 'lil hinn.

# *Induratura fuq il-mottiv tal-Qniepen qabel it-tluq minn Malta*





